MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## MAGISTRAT DR. MICHAEL MALLIA

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2005

Rikors Numru. 19/1997/2

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors ipprezentat mir-rikorrenti fil-5 ta' Settembru 1997 fejn wara li ppremettew illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fid-9 t'Ottubru 1992 huma sofrew ingustizzja lampanti billi kellu x-xoghol tieghu terminat minn mal-Gozo Agricultural Products Ltd.

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan ir-rikors kienu s-segwenti:

(i) Illi hu kien jahdem mal-Gozo Agricultural Products Ltd bhala Agricultural Labourer sa mis-17 ta' Novembru 1986.

(ii) Illi permezz ta' ittra datata 13 ta' Awissu 1992 mahruga u ffirmata mill-Likwidatur tal-Gozo Agricultral Products Ltd, is-Sur George Mangion, ir-rikorrent gie nfurmat li minhabba c-cirkustanzi li tinsab fihom il-GAP Ltd li hi "in liquidation" ir-rikorrent qieghed jigi avzat bit-terminazzjoni

tal-impjieg tieghu u li dana l-avviz jidhol fis-sehh mit-Tnejn 17 t'Awwissu 1992 Dok A (anness).

(iii) Illi fil-fatt ix-xoghol tieghu mal-GAP Ltd gie terminat fid-9 t'Ottubru 1992 kif jidher mill-Engagement History mahruga mill-Employment & Training Corporation datata 20 ta' Awissu 1997 anness u mmarkat Dok B.

(iv) Illi originarjament l-impieg tieghu beda fl-1986 u hu kien wiehed minn grupp li l-maggoranza tieghu, dawk l-aktar junior u li kienu xi tlieta u tletin kienu gew trasferiti ghal mal-AWTS, minn mal-GAP bir-rizultat li llum huma kollha impjegati mal-Gvern.

(v) Illi r-rikorrent kien wiehed mill-grupp ta' xi tnax li nzamm jahdem mal-GAP u dam hekk jahdem sad-9 ta' Ottubru 1992 jigifieri ghal kwazi sitt snin.

(vi) Illi fil-perijodu li kien mal-GAP hu ntbaghat 'on loan' mat-Telemalta kif jidher mill-Identity Card tat-telemalta annessa u mmarkata Dok C.

(vii) Illi matul iz-zmien tieghu mat-Telemalta ir-rikorrent kien imqabbad jahdem overtime u hadem hekk erbgha u tletin siegha li msarrafa, bis-siegha siegha u nofs ammontaw ghal wiehed u hamsin siegha u li minkejja li kien talab il-hlas taghhom lill-Ufficcjal inkarigat mit-Telemalta ir-rikorrent baqa' ma thallasx - Dok D u Dok E.

(viii) Illi mat-terminazzjoni tal-impieg minn mal-GAP Ltd, ir-rikorrent flimkien ma tnax ohra shabu talbu li tmisshom ix-xorti li messet lit-tlieta u tletin haddiema li kif gia nghad minn mal-GAP Ltd marru mal-AWTS u eventwalment gew assorbiti f'dipartimenti tal-Gvern.

(ix) Illi din it-talba ma gietx accettata u r-rikorrent u shabu ntbaghatu jirregistraw u in konsegwenza tar-rifjut tat-talba taghhom ghadhom bla xoghol, fatt dan li juri li qeghdin isofru minhabba li kellhom seniority fuq dawk li minn ntbaghatu mal-AWTs u llum impjegati mal-Gvern.

(x) Illi wiehed minn shab ir-Rikorrent u cioe' Emmanuel Conti gie ppreferut fis-sens illi minn mal-GAP Ltd kien gie sekondat ghal mad-Dipartiment tal-Posta u giet kreata messa in scena fis-sens illi meta gie terminat l-impieg ta' shabu gie terminat ukoll l-impjieg tieghu pero' ftit wara rega gie mdahhal f'impjieg regolari mal-Posta fejn ghadu sal-lum.

(xi) Illi billi l-ghixien tieghu kien jiddependi minn hemm hu sofra **financial hardship** kbir kif jigi ppruvat dettalatament waqt is-smiegh tal-istess rikors.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti filwaqt li jirriservaw li jgibu l-provi kollha ammissibbli skond il-ligi fit-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, talbu lil dan it-Tribunal joghgbu jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment taghhom skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji billi jilqa' t-talba taghhom u konsegwentament jinghataw rimedju skond il-ligi kif l-istess tribunal jidhirlu opportun, xieraq u gust.

Ra l-elenku tax-xhieda u dokumenti tar-rikorrenti.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra n-nota ta' George Mangion fejn wiegeb:

Li permezz taghha jgib a konjizzjoni ta' dana t-Tribunal illi hu ma ghadux likwidatur tas-socjeta` Gozo Agricultural Products Limited illi tinstab likwidata u kancellata mir-Registru tas-Socjetajiet Kummercjali.

Ra r-risposta tal-Ministru ta' l-Industrija u Affarijiet Ekonomici u tal-Ministru minghajr Portafol fl-Ufficcju tal-Prim Ministru li wiegbu li:

Illi huma mhumiex il-legittimi kotnraditturi ghall-ilment fit-termini ta' l-artikolu 181B tal-Kap 12.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra r-risposta ta' George Mangion noe u tac-Chairman tal-Malta Government Investments Ltd li wiegbu illi:

Illi ma' l-assenjazzjoni ta' l-assi tal-Gozo Agricultural Products ltd l-likwidatur obbliga lill-ahwa Saviour u Francis Tabone bhala sidien godda li jzommu l-haddiema fl-impjieg kif jidher fil-klawsola 12 tad-Dokument A u Artiklu 7 tad-Dokument B annessi.

Illi r-rikorrent irrifjuta li jkompli jaghti s-servizzi tieghu lis-sid il-gdid kontra l-parir espress ta' l-ufficjal tal-Union li konsegwentement it-tmiem ta' l-impieg tar-rikorrent kien frott ta' l-abbandun volontarju ta' l-impjieg da parti tieghu.

Illi l-grupp ta' haddiema li gew trasferiti ma' l-AWTS minn mal-GAO kienu dawk imsejjah irregolari u li t-trasferiment ta' dawn il-haddiema bl-ebda mod ma ppregudika lir-rikorrent.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess mhuwiel il-legittimu kontradittur ghall-ilment fit-termini ta' l-artikolu181B tal-Kap.

Ra l-elenku tax-xhieda u dokumenti ta' l-intimat.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

F'din il-kawza r-rikorrent qieghed jallega li saret diskriminazzjoni fil-konfront tieghu meta spicca mill-impjieg mal-Gozo Agricultural Products u ma giex assorbit mal-Gvern kif gew assorbiti nies ohra li kienu jahdmu fl-istess Kumpanija. Di piu` ghamel paragun ma certu Emmanuel Conti li gie mpjegat mal-Posta meta hu baqa' barra u talab li jinghata rimedju ta' din l-ingustizzja.

Irrizulta mill-provi illi r-rikorrent kien ilu Labourer regolari mal-Gozo Agricultural Products mis-17 ta' Novembru 1986. L-impjieg tieghu gie terminat fis-17 ta' Awissu 1992 izda baqa' jahdem sad-9 ta' Ottubru 1992. Spjega li kien hemm grupp ta' 33 persuna illi gew trasferiti lil Auxiliary

Workers Training Scheme u minn hemmhekk saru mpjegati mal-Gvern. Meta spicca mill-impjieg mal-GAP talab li hu ukoll ikun impjegat mal-Gvern izda t-talba giet rifjutata. Irrizulta wkoll li GAP kienet kumpanija parastatali illi kienet topera fil-qasam agrikolu ghall-esportazzjoni.

Jidher li din il-Kumpanija ma kinitx f'pozizzjoni finanzjarja tajba hafna meta giet mwaqqfa l-MIMCOL fl-1988 biex tiehu hsieb il-Kumpaniji illi fihom il-Gvern kellu xi interess. Jidher li l-problemi finanzjarji tal-GAP bdew ftit qabel l-elezzjoni tal-1987 meta gew impjegati grupp kbir ta' nies b'piz finanzjarju li l-Kumpanija ma setghetx tassorbi. Ghalhekk, kien gie deciz illi dawk in-nies li gew impjegati qabel l-elezzjoni jigu meqjusa bhala irregolari jew kazwali, u biex jittaffa l-piz finanzjarju fuq il-Kumpanija gew trasferiti lill-AWTS. Aktar tard b'effett mill-1 ta' Jannar 1991 gew trasferiti mal-Gvern xi whud minnhom bhala labourers u ohrajn bhala clerks I skond il-kaz.

It-Tribunal hawnhekk jaghmel referenza ghax-xhieda moghtija minn Michael Debono a fol 51 bhala Senior Manager Human Resources MIMCOL fejn spjega l-pozizzjoni finanzjarja tal-GAP meta giet taht idejn il-MIMCOL. Spjega wkoll l-isforzi li din ta' l-ahhar ghamlet biex issalva l-Kumpanija. Sforzi li sfortunament kienu ghalxejn peress li l-Kumpanija kellha tigi likwidata. Meta dan sar, inharget sejha ghall-offerti ghat-trasferiment tal-Kumpanija illi sussegwentament ghaddiet ghand is-socjeta` maghrufa bhala "Tabone Brothers." Fil-kuntratt ta' l-akkwist din l-ahhar Kumpanija giet obbligata li taccetta lil haddiema kollha illi kellha l-GAP, pero` dawn il-haddiema ghazlu li jirrifjutaw l-impjieg. Is-sur Debono jghid testwalment "il-haddiema ghazlu li ma jaccettawx li jmorru jahdmu mas-sidien il-godda….." Il-haddiema li ghazlu li ma jmorrux mas-sinjuri Tabone ffirmaw dikjarazzjoni li huma ma kellhomx aktar pretenzjoni kontra l-Kumpanija, ladarba huma kienu hadu l-kumpens li kien inghatalhom dakinhar (DOK MD15 fol 62 rikors 31/97G).

Ghalhekk minkejja illi l-Kumpanija GAP giet xolta u giet trasferita lil terzi, kienet xelta libera tal-haddiema illi kollha kemm huma ma jmorrux jahdmu ma dawn it-terzi u

spiccaw biex irregistraw. Huwa propju f'dan il-punt illi r-rikorrent qieghed jilmenta minn diskriminazzjoni u ghamel paragun ma dawk il-haddiema irregolari li dahlu ma l-AWTS fejn spiccaw impjegati mal-Gvern.

It-Tribunal hawnhekk jirrileva illi c-cirkostanzi ta' dawn il-haddiema irregolari u dawk tar-rikorrent huma ferm differenti. Ma kien hemm xejn irregolari fl-impjieg tar-rikorrent mal-GAP, mentri l-haddiema l-ohra kienu rregolari peress illi dahlu f'daqqa fi zmien specifiku illi ghamlu piz finanzjarju fuq il-Kumpanija li ma setghetx tiflah. Bir-ragun il-MIMCOL ghamlet li setghet sabiex tnehhi dan il-piz minn fuq il-Kumpanija u thalli biss dawk il-haddiema illi kienu meqjusa bhala regolari, haddiema li r-rikorrent kien meqjus wiehed minnhom. Il-fatt illi l-GAP bhala azjenda kummercjali ma rnexxietx mhuwiex tort tar-rikorrent u lanqas tal-Gvern jew xi Awtorita` parastatali.

Sfortunatament ta' spiss jkollok azjenda kummercjali li ma tirnexxiex u f'dak il-kaz il-haddiema jigu dikjarati "redundant" wara li jithallas dak li huwa dovut lilhom. Huwa propju dak illi gara f'dan il-kaz. Wara li l-haddiema irregolari jew kazwali gew trasferiti r-rikorrent baqa' fl-impjieg mal-GAP jaghti l-kontribut tieghu. Pero` meta din ma setghetx topera aktar kummercjalment ir-rikorrent flimkien ma shabu gew dikjarati "redundant" u inghataw is-salarji u n-notice money u giet iffirmata dikjarazzjoni illi huma m'ghandhomx iktar pritenzjonijiet kontra s-socjeta`.

Din id-dikjarazzjoni isservi mhux biss ghal dik is-socjeta` izda ghal aventi kawza taghha u cioe` Tabone Brothers li minkejja din id-dikjarazzjoni kienu accettaw illi r-rikorrent u l-impjegati l-ohra jibqghu jahdmu maghhom b'kundizzjonijiet tax-xoghol pero` differenti. Ma kien hemm l-ebda pressjoni fuq ir-rikorrent sabiex huwa jaccetta jew jirrifjuta dan ix-xoghol u kienet scelta libera tieghu illi jaghzel li ma jibqax jahdem ma Tabone Brothers.

Fil-kors tas-smiegh tax-xhieda specjalment f'dik il-parti li nstemghet Ghawdex jidher illi l-meritu gie zvijat, fejn it-talba tar-rikorrent giet estiza sabiex tinkludi wkoll ic-

cirkostanzi tat-trasferiment ta’ l-art lill-Kumpanija GDP mill-bdiewa li kienu effettivament jahdmuha, dan it-trasferiment m’ghandux jaqsam ma din il-kawza u fi kwalunkwe kaz it-Tribunal m’ghandux il-gurisdizzjoni jiddikjara l-art ta’ min hi jew jekk il-bdiewa li kienu jahdmu l-art ghandhomx dritt johduha lura wara li giet xolta l-Kumpanija. Ghalhekk it-Tribunal sejjer jillimita ruhu ghal dak illi talab ir-rikorrent fir-rikors tieghu u cioe` jekk saritx xi diskriminazzjoni fil-konfront tieghu meta huwa ma giex assorbit mal-Gvern wara li giet xolta l-Kumpanija GAP. Semma wkoll il-kaz ta’ Emmanuel Conti fejn qal li dan gie trasferit ftit wara mal-posta u ppretenda li din kienet diskriminatorja fil-konfront tieghu.

Irrizulta mill-provi pero` illi (fol 157) Emmanuel Conti l-ewwel kien impjegat ma John Portelli, bejn l-1974 u l-1976, mar it-task force bejn l-1981 u 1982 u mal-GAP bejn l-1986 u 1992. Wara dan gie mpjegat mal-Posta Limited bejn l-1995 u 1998. Ghalhekk kif tajjeb osserva l-intimat fin-nota ta’ osservazzjoni tieghu hemm tlett snin bejn it-terminazzjoni ta’ l-impjieg tieghu mal-GAP u l-impjieg mal-Posta Limited. Terminu li dan it-Tribunal ma jarahx bhala immedjat kif qed jallega r-rikorrent, u l-paragun ma jreggix.

Ghalhekk biex jirrikapitula, t-Tribunal jirrileva illi c-cirkostanzi ta’ l-impjieg tan-nies illi gew trasferiti lill-AWTS huma ferm differenti minn dawk tar-rikorrent. Dan ta’ l-ahhar kien impjegat mal-GAP b’mod regolari mentri l-ohrajn kienu mpjegati b’mod irregolari wara li dahlu f’daqqa wara l-elezzjoni ta’ l-1987. It-trasferiment ta’ dawn ta’ l-ahhar lill-AWTS sar biex jittaffa l-piz fuq il-Kumpanija GAP fejn ir-rikorrent baqa’ fl-impjieg sakemm giet xolta peress li ma kinitx vijabbli kummercjalment. Il-fatt illi spicca jirregistra waqt li l-ohrajn spiccaw f'impjieg mal-Gvern hija r-rizultat tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz; sfortunat ghar-rikorrent pero` zgur mhux taht xi forma ta’ diskriminazzjoni jew abbuz fil-konfront tieghu. It-Tribunal ma jistax jinjora d-dikjarazzjoni formali illi ghamel ir-rikorrent fejn accetta l-ahhar hlas “in full and final settlement” liema dikjarazzjoni allura nehhiet kull responsabilta` fuq l-intimati u l-aventi kawza tal-GAP.

Ghalhekk it-Tribunal jasal ghal konkluzjoni li fejn jirrigwardja l-impjieg tar-rikorrent, ma jsib xejn irregolari jew diskriminatorju fl-operat ta' l-intimati.

Ghal dawn il-motivi jaqta' u jiddeciedi li jichad it-talba tar-rikorrent.  Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------